TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 510/10

**Carmel u Mary Grace Spiteri**
**vs**
**Golden Travel Club**

Illum 13 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' sebgħin ewro (€70), rappreżentanti prezz ta' *breakfast* li kellhom iħallsu żejjed għalih.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti ta' l-istess soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu bbukjaw vjaġġ lejn Corfu u kellhom iħallsu sebgħin ewro (€70) għal *breakfast* meta kienu hemmhekk, u għalhekk qed jitolbu l-flus lura.

Is-soċjeta' intimata issottomettiet bil-miktub illi skond il-*brochure* kellhom l-għażla li jħallsu għal *breakfast* jew le, u huma għażlu li ma jħallsux għal *breakfast,* u għalhekk ma jistgħux jippretendu li jieħdu l-*breakfast.*

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal wara li evalwa l-*brochure*, jinnota li r-rikorrenti kienu għażlu vjaġġ mingħajr *breakfast.*

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE. (+356) 21227070 FAX. (+356) 21239888